# Passa eċċezzjonali ta’ ajkli twassal għal aktar kaċċa illegali dan l-istaġun tal-ħarifa

## Mill-inqas 10 minn madwar 60 ajkla jispiċċaw fil-mira

Passa eċċezzjonali ta’ ajkli rari minn fuq Malta fl-aħħar sigħat wasslet biex bejn ilbieraħ filgħaxija u dalgħodu diversi minn dawn l-għasafar protetti spiċċaw fil-mira tal-kaċċa illegali fil-limiti tar-Rabat fejn ħafna minnhom fittxew kenn matul il-lejl. Hu stmat li bejn wieħed u ieħor 60 Ajkla Bajda (Short-toed Eagle) u Ajkla tal-Kalzetti (Booted Eagles) ippruvaw ifittxu kenn f’Malta wara li qasmu minn Sqallija, li huwa rekord għal dan iż-żmien tas-sena.

L-ajkli li waslu fi qtajja’ l-ewwel ġew osservati fuq l-inħawi tal-Università ta’ Malta qabel it-15:00, imbagħad inġabru fl-inħawi tar-Rabat qabel ma niżlu biex iqattgħu l-lejl fil-Girgenti, il-Fawwara, Ġebel Ciantar, is-Saqqajja and u l-inħawi tax-Xagħra tal-Isqof.

L-aħbar li kienu mistennija jpassu minn fuq Malta numru ta’ ajkli li kienu ġejjin minn Sqallija bdiet tiċċirkola kmieni lbieraħ waranofsinhar bl-awtoritajiet tal-pulizija u l-Wild Birds Regulation Unit (WBRU) jiġu notifikati minn BirdLife Malta ftit qabel ma dehru l-ajkli. L-ewwel inċidenti seħħew qrib it-15:30 b’kaċċaturi jisparaw fuq żewġ ajkli f’Ħad-Dingli u ajkla oħra tlaqqat mill-inqas tmien tiri fuq l-inħawi tax-Xagħra tal-Isqof. Aktar tard mill-inqas żewġ ajkli oħra tniżżlu fl-istess inħawi b’dawn l-inċidenti kollha ġew rappurtati lill-pulizija biex tieħu azzjoni. Inċidenti oħra aktar tard filgħaxija kienu jinkludu tiri sparati lejn Ajkla tal-Kalzetti fuq il-wied ta’ Santa Katarina u l-każ ta’ ajkla oħra li tniżżlet qrib il-Fawwara. F’żewġ każi fejn l-ajkli dehru qed jitniżżlu l-pulizija baqgħet għaddejja bit-tiftix sa tard billejl imma mhux magħruf li kien hemm xi eżitu pożittiv.

Voluntieri u staff ta’ BirdLife Malta lbieraħ waranofsinhar u filgħaxija kienu qed jgħassu l-inħawi ta’ madwar il-Buskett biex jissorveljaw dan it-tajr hekk kif fil-bidu kien hemm biss żewġ karozzi tal-pulizija fiz-zona minkejja t-twissijiet li għamilna minn kmieni. F’passa simili għal din fit-23 ta’ Ottubru 2013, 15-il ajkla rari minn total ta’ aktar minn 50 kienu spiċċaw inqatlu. Dakinhar BirdLife Malta kienet irkuprat aktar minn tliet għasafar milquta, bl-uffiċjali involuti fl-infurzar ma setgħux ilaħħqu ma’ dawn l-inċidenti. Il-Gvern kien irreaġixxa billi rdoppja l-multi fuq il-kaċċa illegali bħala deterrent.

Dalgħodu, intant, tim ta’ BirdLife Malta osserva każ ieħor ta’ kaċċa illegali f’Tal-Virtù u dan kien iffilmjat. Dan wassal biex il-pulizija rkuprat il-fdalijiet ta’ Ajkla tal-Kalzetti u identifikat suspettat. Il-filmati ġew mgħoddija lill-pulizija għal aktar stħarriġ.

F’kummenti dwar dawn il-każi, il-Kap Eżekuttiv ta’ BirdLife Malta Mark Sultana qal li dawn l-inċidenti ta’ kaċċa illegali fuq speċi protetti li kellna fl-aħħar jumejn sfortunatament jimbarazzaw lil min suppost qed jinforza l-liġijiet, hekk kif dawk li qed jippersistu bil-qtil u l-

kollezzjonijiet ta' speċi rari qed jieħdu vantaġġ mill-infurzar dgħajjef. "Nappellaw lill-Prim Ministru biex jieħu dan il-każ b'serjetà u jwaqqaf *wildlife crime unit* li tkun armata bir-riżorsi u t-taħriġ neċessarju".

Dawn l-aħħar każi ta' kaċċa illegali jkomplu jiżdiedu mal-lista ta' illegalitajiet li kellna f'dan l-istaġun tal-kaċċa tal-ħarifa hekk kif aktar għasafar midruba qed ikomplu jiġu rkuprati minn BirdLife Malta, il-pulizija u l-Wild Birds Regulation Unit.

"Il-liġi attwali tal-kaċċa u l-insib tpoġġi l-obbligu ta' mill-inqas seba' uffiċjali tal-pulizija fuq ir-ronda għal kull 1,000 liċenzja. Il-wasla mhux mistennija ta' dan in-numru eċċezzjonali ta' ajkli lbieraħ sabet li l-miżuri ta' infurzar ma kinux biżżejjed," ikkonkluda Mark Sultana.

BirdLife Malta tħeġġeġ lill-pubbliku biex jirreġistra u jirrapporta kull inċident ta' kaċċa jew insib illegali billi jċempel fuq 119 inkella fl-uffiċċji tagħna fuq 21347 646. Wieħed jista' jappoġġja wkoll din il-ħidma billi jsir membru u b'hekk ikun qed jgħinna nkomplu naħdmu fuq ħarsien aħjar tal-ambjent.

## ENDS

**Għal aktar informazzjoni, ikkuntattja lil:**
Nathaniel Attard
BirdLife Malta Communications Manager
Tel: 2134 7645/6 Ext. 512
Cell: 9947 4705
Email: nathaniel.attard@birdlifemalta.org

**Ritratti (mehmużin):**

1. Ajkla tal-Kalzetti rkuprata mill-pulizija dalgħodu wara l-inċident osservat f'Tal-Virtù. (1) (Ritratt ta' Janina Laurent)
2. Ajkla tal-Kalzetti rkuprata mill-pulizija dalgħodu wara l-inċident osservat f'Tal-Virtù. (2) (Ritratt ta' Janina Laurent)
3. Ajkla tal-Kalzetti rkuprata mill-pulizija dalgħodu wara l-inċident osservat f'Tal-Virtù. (3) (Ritratt ta' Janina Laurent)

**Niżżel il-filmati minn hawn:** https://we.tl/YU2KPHuKSe